HAL BALZAN

L-EWWEL SENA Nru. 3 | LEHEN IL-KUMITAT ĊIVIKU | JANNAR/FRAR, 1972

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(3) IL-KNEJJES IŻ-ŻGHAR TA' HAL BALZAN

minn Dun Ġwann Dimech

WARA LI RAJNA T-TOROQ U L-EWWEL DJAR U RZIEZET TA' HAL BALZAN, JIXRAQ LI NARAW LIEMA KIENU L-EWWEL KNEJJES TA' DAN IR-RAHAL. F'DAN IR-RAHAL KIENU JEŻISTU TMIEN KNEJJES BEJN IS-SENA 1575, META L-VIŻITATUR APOSTOLIKU MONSINJUR PIETRU DUZINA NHAR L-1 TA' FRAR GHAMEL ŻJARA LIL DAN IR-RAHAL, U S-SENA 1601, META NHAR L-4 ta' DIĊEMBRU L-ISQOF MONS. THOMAS GARGALLO GHAMEL IL-VIŻTA PASTORALI TIEGHU LIL DAN IL-POST. ANZI WHUD MINN DAWN IL-KNEJJES KIENU JEŻISTU ĠA MINN BOSTA SNIN QABEL. DAN NARAWH AKTAR 'IL QUDDIEM.

Meta wieħed jaħseb li f'Ħal Balzan, bejn is-snin 1575 u 1601, għal popolazzjoni ta' madwar 300 ruħ biss, kien hawn tmien knejjes, bilfors irid wieħed jifhem kemm in-nies ta' dan il-post f'dawk iż-żminijiet kellhom għal qalbhom it-twemmin nisrani, hekk li riedu jibnu knejjes fejn jistgħu jinġabru biex jagħtu 'l Alla l-qima li tistħoqqlu u biex juru d-devozzjoni kbira tagħhom lejn Marija Santissma u lejn il-Qaddisin. Dan it-twemmin urewh in-nies ta' postijiet oħra f'Malta u Għawdex billi huma wkoll bnew knejjes kbar u żgħar tul il-medda kollha ta' dawn il-gżejjer.

L-istoriku Abela Ciantar, wara li jagħti tagħrif dwar it-twaqqif tal-Parroċċa ta' Birkirkara mill-Isqof Mons. Senatore de Mello fis-sena 1436 igħid li l-knejjes u kappelli li huma suġġetti għal din il-Knisja Matriċi, kompriżi dawk ta' l-irħula (fosthom Ħal Balzan), ilaħħqu n-numru ta' erbgħin, barra minn x'uħud li ġew imġarrfa jew profanati. (1)

Achille Ferris, fil-ktieb tiegħu "Storia Ecclesiastica di Malta", meta jikteb dwar il-Knisja f'Malta bejn is-snin 1194 u 1250, igħid: "Waqt li l-popolazzjoni ta' Malta bdiet tiżdied, b'mod speċjali fil-kampanja, inbnew aktar knejjes u kappelli". (2)

Fil-Viżta Apostolika ta' Mons. P. Duzina li għamel fis-sena 1575 sirna nafu li żar 428 knisja, bejn parroċċi, knejjes, u kappelli. (3) Minn dawn l-428 knisja, 168 kienu dedikati lil Marija Santissma. (4) Mit-tmien knejjes li kien hawn Ħal Balzan, erba' minnhom kienu dedikati lill-Madonna.

Dawn kienu l-ewwel knejjes ta' Ħal Balzan: 1. Il-Knisja ta' San Mikiel Arkanġlu; 2. Il-Knisja tat-Twelid ta' Marija Verġni; 3. Il-Knisja ta' Sant'Andrija; 4. Il-Knisja ta' l-Annunzjata; 5. Il-Knisja ta' San Anard; 6. Il-Knisja ta' Santu Rokku; 7. Il-Knisja ta' Santa Marija; 8. Il-Knisja ta' l-Annunzjata.

IL-KNISJA TA' SAN MIKIEL ARKANĠLU

Fejn kienet din il-Knisja.

Il-Knisja ta' San Mikiel Arkanġlu hija waħda mill-Knejjes li llum ma għadhomx jeżistu. Din ġiet imġarrfa u ma baqa' ebda sinjal tal-fdal tagħha.

Il-lok fejn kienet mibnija din il-Knisja jagħtihulna t-tagħrif mill-Arkivju Parrokkjali u mill-Viżti Pastorali. Insibu li din il-Knisja kienet tinsab f'salib it-toroq fil-Wied ta' Ħal Balzan. Minn dan it-tagħrif sirna nafu li din il-Knisja nbniet fis-seklu XIV.

Min bena din il-Knisja.

Din il-Knisja nbniet minn ċertu Mikiel Zarb għad-devozzjoni kbira li kellu lejn il-qaddis li tiegħu kien iġib l-isem. Dan ħalla lil din il-knisja lok ħdejha. Insibu li Pietru Agius, bin Ġanni minn Ħal Lija, ħalla lil din il-Knisja l-art magħrufa: "Il-Ġnien" li tinsab f'salib it-toroq tal-Wied ta' Ħal Balzan. Dan ġie kkonfermat fil-Viżta Pastorali ta' l-1615 (5). Din l-art ġiet imħollija biex jistgħu jsiru: l-Għasar ta' lejliet il-Festa tad-Dedikazzjoni ta' San Mikiel, li kienet issir nhar id-29 ta' Settembru, il-Quddiesa Kantata, il-Priedka fuq San Mikiel, u biex jinxtegħel il-lampier is-sibtijiet u fil-festi. (6).

Kif kienet din il-Knisja.

Insibu li din il-Knisja kellha quddiem il-bieb, daqsxejn ta' Ċimiterju żgħir. (7).

L-ewwel deskrizzjoni ta' kif kienet il-Knisja ta' San Mikiel Arkanġlu, jagħtihielna l-Isqof Mons. Michael Joannes Balaguer Camarasa fil-Viżta li għamel lil din il-Knisja nhar it-8 ta' Ottubru 1634. Dan jgħidilna li din il-Knisja mhix kbira għaliex fiha biss żewġ ħnejjiet. L-art kienet miksija biċ-ċangaturi tal-franka. Il-bieb ta' din il-Knisja jħares lejn il-punent. Dan l-Isqof jgħidilna li din l-Knisja sabha mbajda minn barra u minn ġewwa.

X'kien fiha din il-Knisja

L-artal waħdani ta' din il-Knisja kien tal-ġebel u mqiegħed fuq tarġa waħda tal-ġebel ukoll.

Insibu li sas-sena 1634 din il-Knisja kienet armata mhux ħażin. Kellha Kurċifiss fuq l-artal u dak kollu li hu meħtieġ biex jintrama' l-artal, kif ukoll apparat ta' pjaneta, tuniċelli, u kappa. L-isqfijiet li żaru din il-Knisja jsemmu l-ventartal bix-xbiha ta' San Mikiel impittra f'nofsu.

Il-Kwadru ta' San Mikiel: Sa mill-ewwel viżta li kien għamel lil din il-Knisja, il-Viżitatur Apostoliku Pietru Duzina nhar l-1 ta' Frar 1575 isemmi l-kwadru u jgħid li hu antik bix-xbiha ta' l-Arkanġlu San Mikiel impittra fuq l-injam. (8) L-isqfijiet l-oħra baqgħu jsemmu din ix-xbiha antika mpittra fuq l-injam, tant li meta l-Knisja ġiet ipprofanata, din ix-xbiha ġiet trasferita fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Annunzjata (il-qadima). (9) Wara, din ix-xbiha mpittra fuq l-injam ġiet trasferita fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida. Dan jgħidulna l-Isqof Michael Hieronymus Molina fil-viżta tiegħu tat-3 ta' Jannar 1679. (10).

Barra mill-kwadru ta' San Mikiel, kien hemm kwadru ieħor ta' Marija Annunzjata. L-ewwel darba li nsibuh imsemmi dan il-kwadru hu fil-Viżta ta' Monsinjur Isqof Balaguer fil-Viżta li għamel lil din il-Knisja nhar it-2 ta' Mejju 1637. (11).

Nhar il-Festa ta' San Mikiel


Fil-Viżta Pastorali fuq imsemmija li għamel l-Isqof Mons. Michael Joannes Balaguer lil din il-Knisja nhar it-2 ta' Mejju 1637, qalilna li nhar il-Festa ta' l-Arkanġlu San Mikiel, kienu ta' kull sena jiġu għadd kbir ta' nies minn Birkirkara flimkien mal-Kappillan tagħhom bħala Pellegrinaġġ biex jinviżtaw lil din il-Knisja. Jgħidilna wkoll li wara l-Kant ta' l-Għasar ta' lejliet il-festa, kien jitqassam l-ikel, qagħaq u ġewż lill-fqar. (12).

Mons. Duzina jsemmielna wkoll dawn il-Knejjes imsemmijin għal San Mkiel, imqassmin waħda f'kull post minn dawn: l-Imdina (fit-truf), il-Mosta, Ħal Balzan, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, Ħal-Qormi, l-Imqabba, Bubaqra, iż-Żurrieq (Ħal Millieri) u r-Rabat t'Għawdex. Dawn kollha kienu qodma u fihom, f'jum il-festa tal-qaddis, kienet titqaddes quddiesa, mbagħad kien jitqassam l-ikel lill-qassis, lill-foqra u minn daqqiet lin-nies li jkunu hemm ukoll (13).

Fl-istess żjara, Mons. Balaguer talab li, mħabba l-konkorrenza tan-nies, li kienu jżuru din il-Knisja, tinfetaħ tieqa, li jsirilha l-ħadid, biex din tista' titħalla miftuħa ħalli n-nies ikunu jistgħu jinviżtaw din l-Knisja. (14).

Disa' snin wara dan li għedna, l-istess Isqof Mons. Balaguer fil-viżta li għamel lil din il-Knisja nhar is-6 ta' Marzu 1646 jgħidilna li sab lil din il-Knisja mnażżgħa minn kollox għaliex kienu daħlu xi ħallelin u serqu kull ma setgħu jieħdu, saħansitra ħadu wkoll il-ventartal li kellu fuqu mpittra x-xbiha ta' San Mikiel (15).

Nhar it-12 ta' Diċembru 1658, l-Isqof Mons. Balaguer għamel it-tielet żjara lill-



Il-fdalijiet mill-Knisja tal-Vitorja

Knisja ta' San Mikiel u, kif jgħidilna hu, sab li din il-Knisja minn meta kienu daħlu l-ħallelin 'il quddiem ġiet traskurata u għalhekk ħass il-bżonn li jiddikjara lil din il-Knisja bħala profanata u ordna li l-piżijiet u l-Kwadru ta' l-injam bix-xbiha ta' San Mikiel jiġu trasferiti fil-Knisja tal-Annunzjata (l-q a d ima). (16).

Kienu jieħdu ħsieb il-Knisja ta' San Mikiel:

Fis-sena 1575 — Ġanni Zarb bin Mikel li bena l-knisja.
1601 — Xmun Zarb
1615 — Ġanni Agius
1637 — Dun Teramu Galea
1646 — Dun Mikiel Agius

IL-KNISJA TAT-TWELID TA' MARIJA VERĠNI

Il-Knisja tal-Vitorja, jew kif inhi magħrufa fil-Viżti Pastorali, "Il-Knisja tat-Twelid ta' Marija Verġni", hija wkoll, bħall-Knisja ta' San Mikiel, waħda mill-knejjes li kienu mibnija għall-ħabta tas-seklu XIV. Anzi dwar din il-Knisja, nistgħu ngħidu li kienet inbniet fl-aħħar tas-seklu XIV, għaliex, għad li ma nsibux lil din il-Knisja msemmija fil-Viżta Pastorali tal-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina, meta għamel iż-żjara tiegħu lil Ħal Balzan, nhar l-1 ta' Frar 1575, insibuha msemmija għall-ewwel darba fil-Viżta ta' l-Isqof Mons. Thomas Gargallo li għamel lil dan ir-Raħal nhar l-4 ta' Diċembru 1601. (17).

Illum din il-Knisja hija mġarrfa u ma baqax ħlief xi fdalijiet.

(ikompli f'paġna 2)

Elite MENSWEAR

of South Street, Valletta

DRESS WEAR HIRE SERVICE FOR FASHIONABLE WEDDINGS AND SPECIAL OCCASIONS

We sell clothes too!

IN FACT WE ARE

THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR

JRP

Editorjal

NUQQAS TA' INTERESS

Fl-editorjal ta' l-aħħar ħarġa tal-gazzetta, għidna li l-apatija f'Ħal Balzan ma teżistix u ta' dan tajna l-provi. Pero', illum nistgħu ngħidu, li għalkemm apatija m'għandniex, xi nuqqas ta' nteress fost ċerti familji għandna. Qegħdin nitkellmu l-aktar dwar il-"Konkors għall-belt jew raħal miżmum l-aħjar". Bħal ma tafu intom, qassamna l-kartonċin b'xi kliem fuqu biex nagħmlu kuraġġ lill-Balzanin ħalli jibżgħu għall-wirt Balżani, kif ukoll ħalli jżommu l-indafa. Dawn kellhom jitwaħħlu mal-galleriji jew mat-twieqi. Iżda xi familji x'għamlu? Nafu li l-anqas biss indenjaw ruħhom jaqrawhom, aħseb u ara kemm waħħluhom fil-gallerija!

Xi ngħidu mbagħad għall-kompetizzjonijiet tat-tfal? Fil-kompetizzjoni tal-pittura kellna biss tletin waħda, u ħafna minnhom kienu barra mis-suġġett. Ftit tfal taw każ tas-suġġett li kien "L-Indafa u l-Ġmiel ta' Ħal Balzan". Xi wħud pinġew biss dwar l-indafa u oħrajn dwar il-ġmiel. Ftit kienu li pinġew it-tnejn flimkien. In-numru ta' tfal li daħlu għall-kompetizzjoni kien żgħir ukoll. Iġiegħlek taħseb li f'Ħal Balzan hawn tletin tifel biss. Meta xi erba' snin ilu l-Kumitat Ċiviku kien niedu kompetizzjoni ta' 'essays' kienu kkompetew madwar ħamsin. Illum għaliex tletin biss? X'sar minnhom l-oħrajn? Tgħid kien hemm inqas interess min-naħa tal-ġenituri?

In-nuqqas ta' nteress, bħal ma jaf kulħadd, imewwet il-qalb ta' min b'tant sagrifiċċju jorganizza. Aħna nemmnu li kull Balzani jrid li l-parroċċa tiegħu tkun bħall-parroċċi l-oħra ta' Malta. Nemmnu ukoll li kull Balzani jieħu gost jisma lil raħal twelidu jissemma bħala raħal organizzat. Iżda biex naslu għal dan il-għan ma jridux jibqgħu l-organizzaturi waħedhom. Irid ikun hemm min igħinhom, kif ukoll irid ikun hemm min jimxi warajhom.

U la qegħdin nitkellmu dwar in-nuqqas ta' nteress, għaliex ma nsemmux ukoll li ħafna nies anqas biss qegħdin jaqraw il-gazzetta? Ma rridux ninsew li l-gazzetta mhux biss tagħtikom tagħrif dwar il-parroċċa, iżda wkoll dwar l-istorja ta' Ħal Balzan. Jidhrilna li tkun ħaġa xierqa li dawn is-siltiet jintrefgħu ħalli 'l quddiem wieħed ikun jista' jgħid li għandu miġbura l-istorja ta' Ħal Balzan.

Ġejna mitluba nagħtu r-rendikont tal-Festi Ta' Ġewwa F'Ġieħ Marija Annunzjata (1971) għas-sodisfazzjon tal-Poplu kollu li għin sabiex l-festa tkun suċċess.

(Ara Paġna 3)

TOP SHOP
(Salvu Deguara)
FI TRIQ IL-KBIRA
— L-AĦJAR —
ĦANUT TAL-GROCER
F'ĦAL BALZAN

ID-DISKORS TAS-SEGRETARJU

Qed inxandru diskors li għamel is-Segretarju tal-Kumitat Ċiviku Balzan, is-Sur Guido Borg, fil-Laqgħa Ġenerali tal-14 ta' Lulju, 1971. Uħud mis-suġġerimenti li semma' diġa twettqu u nittamaw li l-oħrajn isehħu wkoll. Nisperaw, li kif is-Segretarju rnexxielu jqanqal il-membri preżenti, hekk ukoll il-qarrejja ta' din il-gazzetta jimtlew bl-istess ħeġġa għal raħal twelidhom.

Il-għan tal-Kumitat Ċiviku — Balzan huwa, kif igħid l-istatut innifsu, li jħares l-ambjent u l-interessi ta' Ħal Balzan u n-nies li joqogħdu fih billi jfittex dejjem li jtejjeb il-qagħda tagħhom u għalhekk iwassal l-ilmenti jew talbiet tagħhom, kif u meta jixraq, lill-Gvern jew awtorita' konċernata. L-Istatut ikompli jgħid fi klawsola 2 (b) li " l-Kumitat għandu jippromovi f'Ħal Balzan attivitajiet ċiviċi, soċjali, kulturali u edukattivi."

Bħal ma tafu intom, il-Kumitat Ċiviku issa ilu mwaqqaf erba' snin. Inħoss li wasal iż-żmien li nħarsu lura u naraw jekk il-għan tal-Kumitat li għadni kif semmejt ġiex milħuq. X'għamel sa issa l-Kumitat Ċiviku? Hadem daqs kemm ħadmu Kunsilli Ċiviċi oħra f'Malta? Dwar it-tieni mistoqsija nistgħu ngħidu li l-Kumitat tagħna għamel xogħol ferm aktar minn xi wħud u mill-banda l-oħra ferm u ferm anqas minn oħrajn. Dwar l-ewwel mistoqsija, jiġifieri x'għamel s'issa l-Kumitat Ċiviku, tafu biżżejjed. Ħadna parti għal darbtejn fiċ-Ċelebrazzjonijiet ta' l-Indipendenza, li kienu jiġu organizzati mill-Kumitati Ċiviċi kollha ta' Malta, nidejna konkors għall-'essay' dwar Ħal Balzan u fl-istess waqt għallimna lit-tfal ta' l-iskejjel dwar l-istess suġġett, organizzajna żjara għal Postijiet Storiċi, kif ukoll bagħatna delegazzjoni għand il-Gvern biex titkellem dwar il-proġett tal-pjazza. Naturalment, inkitbu ħafna u ħafna ittri, li minnhom ma ħadna xejn għajr id-dawl f'St. Mary Str. u xi affarijiet żgħar oħra.

Personalment inħoss u ċerti li intom taqblu miegħi, li l-għan tal-Kumitat għadu ma ntlaħaqx biżżejjed. Nistgħu ngħidu li matul dawn l-erba' snin, ħsibna ftit wisq dwar klawsola Nru. 2 (b), dik li tirreferi għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ċiviċi, kulturali, u edukattivi — attivitajiet li jekk isiru għandhom mhux biss jilħqu l-iskop tagħhom, iżda wkoll igibu aktar għaqda bejn l-għaqdiet infushom ta' Ħal Balzan.

Biex dan isehħ hemm bżonn ta' ħafna xogħol. L-ewwel nett kull rappreżentant ta' għaqda hemm bżonn li jiftakar li hu rappreżentant u għalhekk hu fid-dmir li, sakemm jagħti permess il-Kumitat, jinforma lill-membri b'dak kollu li jkun qed isir fil-Kumitat Ċiviku. Jista' jagħmel dan faċilment, jew billi jitkellem waqt xi laqgħat, jew inkella billi jikteb xi nota fuq in-'notice board'.

Hemm bżonn li jinħolqu minn fostna sotto-kumitati biex jorganizzaw attivitajiet li jkunu ġew approvati mill-Kunsill Eżekuttiv, għax b'hekk ix-xogħol jinqasam fuq kulħadd u mhux jaqa' kollox fuq bniedem wieħed. Kull sotto-kumitat għandu jkollu dritt li jistieden nies barranin biex igħinuh fix-xogħol tiegħu.

Li jitwaqqaf bord editorjali, magħmul minn rappreżentanti ta' mill-anqas ħames għaqdiet differenti, sabiex minn żmien għal żmien toħroġ gazzetta, hu mportanti ferm. Din il-Gazzetta għandha tkun leħen il-Kumitat Ċiviku u jekk jista' jkun tingħata b'xejn.

Il-Kumitat Ċiviku għandu wkoll mhux biss jorganizza attivitajiet, sakemm dawn ikunu approvati mill-Kunsill Eżekuttiv. Il-Kumitat għandu jorganizzalhom konferenzi u laqgħat biex igħinhom japprezzaw is-sens ċiviku ta' ċittadini u, jekk ikun hemm bżonn, jagħmillhom korsijiet dwar il-'leadership'.

Bħal ma forsi smajtu, xi Kumitati oħra qegħdin jorganizzaw attivitajiet annwali. Għaliex aħna m'għandniex

(ikompli f'paġna 3)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL-BALZAN

(jaqbad mill-ewwel paġna)

Fejn kienet din il-Knisja

Hjiel dwar fejn kienet din il-Knisja tal-Vitorja għandna aktar milli kellna dwar dik ta' San Mikiel, għaliex nafu li din il-Knisja kienet mibnija fit-tarf tar-raħal in-naħa ta' fuq. Illum, kif ġa għedna, baqa' biss xi fdalijiet minn din il-Knisja u dawn jinstabu kważi quddiem l-iskola tal-Bniet, fejn illum hemm niċċa tal-Madonna.

Il-post preċiż ta' fejn kienet din il-Knisja tahulna Mons. Isqof Hieronymus Molina fil-Viżta li għamel lil Ħal Balzan, nhar it-3 ta' Jannar 1679. Fost tagħrif ieħor, Mons. Isqof, jgħid li din il-Knisja tmiss mil-Lvant u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, mill-Punent ma' lok ta' Ġorġ Grech u mit-Tramuntana ma' beni ta' Ambroġ Ellul.

Kif kienet din il-Knisja

Ftit għandna tagħrif dwar kif kienet din il-Knisja minn barra u minn ġewwa. Kif ukoll l-anqas ma nafu min bena din il-Knisja. L-uniku tagħrif dwar din il-Knisja jagħtuhulna l-Isqfijiet fil-Viżti Pastorali tagħhom lil din il-Knisja.

Il-Knisja minn Barra

Minn barra l-Knisja tal-Vitorja kellha bieb wieħed u żewġ twieqi żgħar ħdejh, waħda kull naħa. Il-Vigarju Kapitulari, Don Pietro Francesco Pontremoli (Sede Vacante), fir-relazzjoni tiegħu dwar iż-żjara tiegħu lil din il-Knisja, jgħidilna li l-bieb tagħha jħares lejn il-Punent u li waħda mit-twieqi ta' ħdejn il-bieb jonqosha l-ħadid. (18).

Iċ-Ċimiterju

Fit-tieni żjara lil din il-Knisja, l-Isqof Michael Joannes Balaguer Camarasa, nhar is-6 ta' Marzu 1646, jgħidilna li quddiem din il-Knisja sab ċimiterju żgħir. (19).

Il-Knisja minn Ġewwa

L-ewwel tagħrif dwar il-Knisja tal-Vitorja minn ġewwa, jagħtihulna Monsinjur Isqof Thomas Gargallo meta mar iżur lil din il-Knisja nhar l-4 ta' Diċembru 1601. Dan l-Isqof jgħidilna li din il-Knisja tat-Twelid ta' Marija Verġni għandha artal wieħed u fuqu hemm kwadru li fuqu hemm ippitturata x-xbiha tat-Twelid ta' Marija Santissima. Jgħidilna wkoll li l-artal ma kien jonqsu xejn u li fuqu jista' jitqaddes il-Quddies.

L-Isqof Balthassar Cagliares, nhar it-28 ta' Novembru 1615 ħalla miktub li l-Kwadru tal-Madonna, li jinstab fuq l-artal fil-Knisja tat-Twelid ta' Marija Verġni, hu sabiħ ħafna. (20) Ma naqasx ukoll biex ifaħħar dan il-Kwadru l-Isqof Balaguer fl-ewwel viżta tiegħu lil din il-Knisja nhar it-2 ta' Mejju 1637; huwa jgħid kemm hu sabiħ dan il-Kwadru. Isemmi purtiera li qiegħda quddiem dan il-Kwadru biex tħarsu mit-trab. Jgħid ukoll li dan il-Kwadru hu mdawwar bi gwarniċa artistika ta' l-injam. (21).

Dan l-istess Isqof isemmi l-ventartal tat-tila mpitter kollu u jsemmi wkoll Kurċifiss ta' l-injam li qiegħed fuq l-artal.

Mons. Isqof Thomas Gargallo jsemmi l-lampier imdendel quddiem il-Kwadru bix-Xbiha tal-Madonna (22).

Proprjeta' ta' din il-Knisja

Mill-Viżta Pastorali ta' l-4 ta' Diċembru 1601, sirna nafu li din il-Knisja għandha proprjeta' ta' biċċa art li tinsab tmiss ma' l-istess Knisja, biex mid-dħul tagħha jkun jista' jsir l-Għasar Kantat ta' lejliet il-Festa tal-Vitorja, u wara l-Għasar ikun jista' jitqassam xi ikel għall-fqar tal-parroċċa kif ukoll biex tkun tista' ssir il-Quddiesa Kantata ta' nhar il-Festa u biex ikun jista' jinxtegħel il-Lampier fil-Ħdud u s-Sibtijiet kollha. (23)

Fil-Viżta Pastorali tas-6 ta' Marzu 1646, insibu li peress li Vennera Agius wirtet lill-mejjet Andrea Agius, saret proprjeta ta' l-art tal-Knisja magħrufa bħala "ċ-ċens ta' ħdejn il-Knisja tal-Vitorja", kif ukoll tal-lok ta' mal-Knisja; għalhekk waqa' fuq din l-imsemmija Vennera l-piż li tħallas għall-Għasar ta' lejliet il-Festa, għall-ikel li jitqassam lill-fqar, għall-Quddiesa Kantata, u biex tieħu ħsieb il-lampier u tixegħlu fil-granet stabbiliti. Peress li l-Isqof kien sab li l-ikel tal-fqar ma kienx qed jitqassam talab li jerġa' jibda jitqassam kif kien preskritt. (24).

Il-Knisja tal-Vitorja tiġi pprofanata

Meta kien żar lil din il-Knisja l-Isqof Balaguer fl-1646, kien osserva li din il-Knisja kienu jonqsuha bosta ħwejjeġ u li kienet qed tiġi kull ma tmur traskurata. (25)

Tnax-il sena wara, l-istess Isqof Balaguer, nhar it-12 ta' Diċembru 1658, iddikjara lil din il-Knisja bħala profanata u ordna li l-piżijiet jiġu trasferiti għall-Knisja Parrokkjali. (26)

Fil-Viżta ta' l-Isqof Mons. Michael Hieronymus Molina, nhar it-3 ta' Jannar 1679, huwa jgħid li l-kwadru tat-Twelid ta' Marija, li kien fil-Knisja tal-Vitorja pprofanata ġie mqiegħed fil-Knisja Parrokkjali. Quddiem dan il-Kwadru jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt u fil-festi kmandati, kif ukoll, fil-Festa, nhar it-tmienja ta' Settembru tiġi ċċelebrata Quddiesa Kantata, flimkien ma' l-Għasar ta' lejliet il-festa. (27).

Kienu jieħdu ħsieb il-Knisja tal-Vitorja:
Fis-sena 1601 — Ġużeppi Agius
1615 — Ġanni Agius
Mis-sena 1634 sas-sena 1637 Mikiel Agius bin Stiefnu.

1 Abela Ciantar: "Malta Illustrata", Lib III Not. IV par V.
2 Ferris Ach: "Storia Ecclesiastica di Malta" Cap. XV p. 110.
3 Duzina P.: Visitatio Pastoralis, fol 69 — Arkivju Arċiveskovili.
4 Bonnici Art.: "History of the Church in Malta" Vol. 1, p. 108.
5 Cagliares B.: Visitatio Pastoralis, fol 87 — Arkivju Arċiveskovili.
6 Balaguer M.J.: Visitat. Past. fol 247 — Ark. Arċiv.
7 Cagliares B.: Pastoralia Ms 181 fol 88 — Arkivju tal-Kattidral.
8 Duzina P. Ms. Cit.
9 Balaguer M.J.: Visitat. Past. fol 147 — Ark. Arċiv.
10 Molina M.H. Visitat. Past. fol 113 — Ark. Arċiv.
11 Balaguer M.J. Ms. Cit. fol 247.
12 Balaguer M.J. Ms. Cit.
13 Cassar Pulliċino J.: "Kitba u Kittieba tal-Malti" L-Ewwel Ktieb p. 17.
14 Balaguer M.J.: Visit. Past. fol 247 — Ark Arċiv.
15 Balaguer M.J.: Ms. Cit fol 207.
16 Balaguer M.J.: Ms. Cit. fol 147.
17 Gargallo Th.: Visit. Past. fol 223.
18 Pentremoli P.F.: Visit. Past. fol. 145.
19 Balaguer M.J.: Ms. Cit. fol 207.
20 Cagliares B.: Pastoralis Ms 181, fol 87 — Arkivju tal-Kattidral.
21 Balaguer M.J.: Ms. Cit. fol 247.
22 Gargallo Th.: Ms. Cit. fol 223.
23 Gargallo Th. Ibid.
24 Balaguer M.J.: Ms. Cit. fol 207.
25 Balaguer M.J.: Ibid.
26 Balaguer M.J.: Ms. Cit. fol 147
27 Molina M.H.: Ms. Cit. fol 113.

Nixtiequ ngħarrfu li l-kittieb ta' dawn is-"Siltiet mill-Istorja ta' Ħal Balzan", fi parir ta' xi kittieba ta' l-istorja, mhux se jibqa' jinqeda bi psewdonimu. Dan qed isir sabiex jingħata valur akbar lix-xogħol siewi tiegħu.

BE SMART LOOK SMART WEAR SMART
GET A SMART SHIRT FROM
SMART SHIRTS FACTORY
NAXXAR ROAD, BALZAN
MANUFACTURERS FOR WHOLESALERS AND RETAILERS OF SHIRTS
Tel. No. 42728

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

"Is-sekulari jiksbu d-dritt u d-dmir għall-apostolat mill-istess għaqda tagħhom ma' Kristu, li hu r-Ras tal-Ġisem Mistiku. Infatti, permezz tal-Magħmudija, huma jsiru parti mill-Ġisem Mistiku ta' Kristu; permezz tal-Griżma ta' l-Isqof, imsaħħa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, jiġu maħtura minn Kristu stess għall-apostolat. Huma jiġu kkonsagrati biex jiffurmaw saċerdozju regali u ġens qaddis, biex b'kull ħidma joffru opri spiritwali u jkunu fid-dinja kollha xhieda ta' Kristu. Permezz tas-sagramenti, l-aktar permezz ta' l-Ewkaristija Mqaddsa, tiġi mogħtija lilhom u mkattra fihom dik l-imħabba li hi r-ruħ ta' l-apostolat kollu".

Dan il-kliem tal-Konċilju Vatikan II, mill-paragrafu 3 tad-Digriet fuq l-Apostolat tal-Lajċi, jurina li s-sekulari kollha għandhom id-dmir, barra mill-jedd, li jaħdmu għat-tixrid u għat-tisħiħ fid-dinja tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, il-Knisja. Dan id-dmir ġej mill-fatt li huma mgħammdin, għaliex b'hekk huma saru jagħmlu sehem mill-Knisja u għalhekk għandhom jagħmlu kulma jistgħu biex hija tikber, biex il-bnedmin kollha jsiru jħobbuha u jgħinu biex hija timxi 'l quddiem mhux biss fin-numru tal-membri tagħha, imma wkoll fil-ħeġġa ta' l-imħabba lejha f'kulħadd.

Din il-ħidma s-sekulari jistgħu jagħmluha għal rashom, dejjem skond il-possibilta' u l-kapaċita' ta' kull wieħed; iżda jkun ferm aħjar li huma jingħaqdu f'Għaqdiet im-sejħin ta' l-apostolat, biex il-ħidma tagħhom tkun aktar organizzata, u għalhekk tilħaq ferm aktar u aħjar il-għan tagħha. Nerġgħu naraw x'jgħidilna l-Konċilju fuq dan fil-paragrafu 18 tad-Digriet li semmejt fuq: "L-apostolat tal-Għaqdiet huwa ta' importanza kbira, għaliex, kemm fil-komunita' tal-Knisja kemm fid-diversi postijiet, huwa meħtieġ li jkun hemm ħidma ta' diversi nies flimkien. Infatti l-Għaqdiet imwaqqfin għall-ħidma apostolika flimkien huma ta' għajnuna għall-istess membri tagħhom, u jħejjuhom għall-apostolat u jmexxuhom fl-azzjoni apostolika b'tali mod li jkun hemm tama ta' frott aktar abbondanti milli kieku wieħed jaħdem għal rasu". Min jaf kemm hawn, anke fil-parroċċa tagħna, sekulari li jistgħu u jafu jagħtu s-sehem tagħom fil-Għaqdiet, imma jibqgħu lura għal raġunijiet immaġinarji jew żbaljati. Jista' jkun li l-Għaqdiet tagħna għandhom bżonn huma wkoll ta' aġġornament, bħalma ħasset li kellha bżonn il-Knisja, u għalhekk għamlet il-Konċilju msemmi. L-Għaqdiet ta' apostolat ta' Malta sejrin jistudjaw huma wkoll f'hiex jistgħu u għandhom jaġġornaw ruħhom, u għalhekk f'Mejju ta' din is-sena sejrin jagħmlu kungress Nazzjonali fuq 'Modernizzazzjoni ta' l-Apostolat tal-Lajċi'. Kemm ikun ta' siwi kieku s-sekulari li jħossu li jistgħu jagħtu d-daqqa ta' id tagħhom jissieħbu f'xi waħda mill-Għaqdiet li jeżistu fil-parroċċa, u hekk ikunu jistgħu jgħinu minn ġewwa biex dawn il-Għaqdiet jaġġornaw ruħhom ħalli l-ħidma tagħhom tagħti aktar frott!

IT-TIJATRIN F'HAL BALZAN

JIKTBILNA D-DIRETTUR TAL-KUMPANIJA 'BALZAN STAGE AMATEURS' IS-SUR VICTOR BARTOLO

HADT PJAĊIR HAFNA NAQRA L-EWWEL HARĠA TAL-GAZZETTA "HAL BALZAN". PROSIT LIL KULL MIN GHEN B'XI MOD BIEX SETGHET ISSIR. IL-PJAĊIR TIEGHI KOMPLA ŻDIED META QRAJT "ĠRAJJIET TFULITI" MIKTUB MINN ANTON, GHAX FIH SEMMA' T-TIJATRIN F'HAL BALZAN.

Jiena nixtieq inkompli miegħu u nagħti tagħrif iżjed dwar it-Tijatrin. Aktarx li l-ewwel Tijatrin f'Ħal Balzan, għall-inqas l-ewwel li smajt bih jien, għax dak iż-żmien ma kontx nezisti, kien isir qabel il-gwerra u kien ikun organizzat minn Manwel, il-Ħajjat, f'Remissa fi Sqaq it-Tliet Knejjes.

Manwel kien jinsisti u jagħmel il-vestwarju u kull ma kien ikun meħtieġ hu stess.

Fil-gwerra niftakar xi reċti fil-bitħa tal-Każin tal-'Football'. Wara l-gwerra meta kien għadni tfal, konna narmaw palk bil-palm u karti tal-Milied wara l-knisja u erħilna nagħmlu xi farsa. Ftit wara ġie armat palk u platea fil-bitħa tal-Każin 'Maria Annunziata', mill-Kumitat ta' dak iż-żmien, u bdew jiġu kumpaniji barranin jagħmlu t-tijatrin.

Minn hawn 'il quddiem niftakar il-Kumpanija tat-Tijatrin Balzanija titwieled, u li għadha tgħix sal-lum. Kien xi tnejn u għoxrin sena ilu f'Sisner Street f'garage twil fejn kellna l-Azzjoni Kattolika tal-irġiel u l-ġuvintur, li Dun Ġwann Dimech u Dun Ġużepp Zammit għaqqduna għall-ewwel reċta. Niftakar li missieri kien għażel l-isem ta' San Valentinu għal din l-ewwel kumpanija. Ftit wara sirt direttur tal-Kumpanija jien u bdejna nagħtu programmi regolarment b'atturi rġiel biss. Għamilna drammi msemmija bħal ma huma: "Iż-żewġ Surġenti" u "Il-Furnar ta' Venezja".

Malli ġie l-kappillan preżenti, l-Kan. Dun Karm Sciberras, ħa ħsieb li jkollna Sala Parrokkjali f'Ħal Balzan. Din tatna fakultajiet ferm akbar u għalkemm kienet għadha mhux lesta, bdejna nirreċtaw fiha biex ngħinu wkoll fil-bini tagħha mill-aħjar li nistgħu taħt l-isem ta' 'Balzan Stage Amateurs' u jaħdmu magħna għandna l-attriċi nisa. Fis-Sala parrokkjali Aurora, l-'Balzan Stage Amateurs' kisbet ħafna suċċessi u dawn ġew imsemmija f'ħafna gazzetti. L-akbar fosthom bla dubbju kienet il-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu b'Erbgħa u Ħamsin (54) persunaġġ.

Fil-programmi varjati kellna suċċessi wkoll — "Min hu l-Kaptan?", "This is the Army", "Kaptani", u ħafna oħrajn.

Din is-sena, il-'Balzan Stage Amateurs, daħlet għall-Konkors Teatrali fl-Imġarr fejn fit-12 ta' Diċembru, 1971, ippreżentat programm varjat. Kollox mar sewwa u nisperaw li jekk Alla jrid, il-premju jkun tagħna.

(jaqbad minn paġna 2)

nagħmlu bħalhom? X'hemm ħażin billi nikkupjawhom? Għaliex f'Ħal Balzan ma jsirux ta' kull sena: Jum Ħal Balzan, kif ukoll konkorsi għall-aktar tifel jew tifla ta' mġieba tajba fir-raħal?

Fil-bidu għidt li l-għan tagħna għandu jkun ukoll li nġibu aktar għaqda bejn l-għaqdiet infushom. Dan il-għan għandu jintlaħaq jekk jiġu organizzati 'social evenings' għall-Kumitati kollha ta' l-għaqdiet, profani u reliġjużi. M'huwiex forsi l-aħjar mezz li wieħed jiddiskuti l-problemi tiegħu, filwaqt li jixrob xi ħaġa fil-kwiet?

Hija ħaġa mportanti ferm għas-saħħa tal-Kumitat li kull attivita' li tiġi organizzata għandha tkun imxandra fl-istampa u fuq it-television u mir-Rediffusion. Għal dan il-għan hemm bżonn li l-Kumitat Ċiviku jkollu l-'Public Relations Officer' tiegħu, li jkun wieħed mill-membri tal-Kunsill Eżekuttiv.

Hemm bżonn fl-aħħar nett li l-poplu ta' Ħal Balzan jidra jpoġġi l-ilmenti quddiem il-Kumitat Ċiviku u li dan iressaqhom mill-aktar fis quddiem il-gvern jew awtorita' konċernata.

G. Borg
Segretarju



Id-Dimostrazzjoni, fl-okkażjoni tal-"Konkors għall-belt jew raħal miżmum l-aħjar." Rapport dettaljat jingħata fil-ħarġa li jmiss.

RENDIKONT TAL-FESTI TA' ĠEWWA F'ĠIEH MARIJA ANNUNZJATA, BALZAN 1971

DĦUL	
Mill-Arbural	£348 - 4 - 6
Mit-tqassim tal-Programmi u Fiera ċkejkna	10 - 17 - 9
Total	359 - 2 - 3
ĦRUĠ	
Predikaturi tat-Tridwu, Paneġiriku, Ċelebrant quddiesa tal-morda, Konfessuri, Ministri, Kappisti u Qassisin oħra li għenu fil-festa	43 - 0 - 0
Għall-orkestra, vuċijiet, Organista u Kor fil-funzjonijiet kollha tat-Tridwu u l-Festa	139 - 5 - 0
Lil dawk li ħadu ħsieb it-tindif, tfarfir tal Knisja u armar	25 - 0 - 0
Kontribuzzjoni lis-St. Gabriel Band Club għal armar u mixegħla tal-faċċata tal-Knisja	20 - 0 - 0
Lill-kampnari lejliet u nhar il-Festa	7 - 0 - 0
Għat-tibjid tal-faċċata tal-Knisja	12 - 10 - 0
Lill-fratelli li akkumpanjaw fil-proċessjoni	12 - 0 - 0
Kont tal-Confectionery	10 - 14 - 0
Stampa tal-Programmi, u posters, karti oħra, permessi, bolli u karrozzi	13 - 5 - 0
Għall-musketterija	28 - 0 - 0
Whisky, birra, u soft drinksgħal min ħa sehem fil-festa, fil-proċessjoni u fl-armar	20 - 4 - 2
Għal 'reflector' għal fuq l-istatwa	2 - 10 - 0
Total	333 - 8 - 2

Dħul	£359 - 2 - 3
Ħruġ	333 - 8 - 2
Bilanċ	25 - 14 - 1

Can. Carm. Sciberras
Kappillan

EMPA TILES LTD.

MANUFACTURERS OF
MARMETTONE,
MOSAIC & CEMENT TILES

Telephone 20909 — 'Mercedes' Cannon Rd., St. Venera

NIFIRĦU LIL...

● Dr Paul Cassar Ph.C. B.Sc. M.D., D.P.M. — li nhar is-Sibt, 18 ta' Diċembru, 1971, ġie mogħti l-Midalja għat-tiftix tiegħu fuq l-istorja ta' Malta l-aktar fil-qasam tal-ġrajja tal-mediċina f'Malta u Għawdex. Il-Midalja tal-Mertu kienet ġiet imwaqqfa mill-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi ta' Malta fl-1968. It-Tabib Cassar, għalkemm mhux imwieled Ħal Balzan, ilu xi żmien joqgħod fir-raħal tagħna, li huwa ferm għal qalbu.

It-Tabib Cassar huwa kittieb prolifiku ħafna; barra xi kotba, huwa kiteb ukoll diversi artikoli dwar il-mediċina u l-istorja tagħha li jinsabu ppubblikati f'rivisti u perjodiċi bħal 'Scientia', 'Melita Historica', 'British Medical Journal', 'St. Luke's Hospital Gazette', u oħrajn. Fl-1962, huwa ġie maħtur "Fellow of the Royal Historical Society" ta' Londra, u aktar tard ġie mogħti l-unur ta' "Fellow" ta' l-Universita Rjali ta' Malta fuq it-tiftix tiegħu li ġie ppubblikat fil-ktieb 'Medical History of Malta' (Londra, 1965).

● Miss Jacqueline Yule — li għall-aħħar tas-sena li għaddiet (1971) giet mogħtija mill-Papa l-Midalja "Bene Merenti" għall-ħidma tagħha fost it-tfal Kattoliċi Ingliżi. Miss Yule twieldet Plymouth, l-Ingilterra, u ġiet Malta qabel l-aħħar gwerra dinjija. Għal ħdax-il sena sħaħ hija għallmet fl-Iskejjel Sekondarji tal-Gvern. Imbagħad, fl-1949, hija daħlet tgħallem fl-iskola tas-Servizzi Ingliżi f'Tal-Handaq, u hemm baqgħet sakemm irtirat, f'Lulju 1971.

Għall-ewwel li ġiet Malta, Miss Yule kienet toqgħod tas-Sliema. Fl-1953, imbagħad, hija ġiet Ħal Balzan, li, kif stqarret hija nfisha, huwa wieħed mill-isbaħ irħula ta' Malta u li hi mhi lesta li tibdlu ma' mkien. Kemm damet tgħallem f'Tal-Handaq, Miss Yule ħadet ħsieb l-interessi tat-tfal Kattoliċi Ingliżi, li kienu jgħoddu madwar għaxra fil-mija tat-tfal kollha ta' l-iskola. Hija ħadet ħsieb li dawn it-tfal igawdu l-istess drittijiet ta' l-oħrajn, u kienet isservi ta' ħolqa bejn it-tfal u l-awtoritajiet ta' l-iskola.

Għal din il-ħidma tagħha, li kienet titlob minnha sagrifiċċji mhux żgħar, Miss Yule ġiet mogħtija din il-Midalja li hija ħafna għal qalbha. Ta' min isemmi wkoll li f'Ġunju tas-sena 1970 Miss Jacqueline Yule ġiet mogħtija l-M.B.E. (Member of the British Empire) mir-Reġina Eliżabetta II.

● Is-Sur Anthony Fenech — li nhar id-29 ta' Diċembru, 1971, ħa l-Midalja tal-Fidda f'esibizzjoni organizzata mill-'Malta Philatelic Association' għal dawk kollha li għandhom kollezzjonijiet privati tal-bolli. Il-preżentazzjoni tal-Midalji saret mill-Onor. A. Hyzler M.D., M.P., Ministru ta' l-Iżvilupp, fil-preżenza tal-Gvernatur Ġenerali.

Is-Sur Fenech, li esebixxa biss parti żgħira mill-kollezzjoni tiegħu, kellu għall-wiri kollezzjoni ta' bolli barranin użati f'Malta bejn is-snin 1840 u 1860, jiġifieri meta Malta kien għad ma kellhiex il-bolli tagħha. Ta' min ifakkar li s-Sur Anthony Fenech, li huwa membru attiv tal-Kumitat Ċiviku, Balzan huwa bniedem minn Ħal Balzan u jaħdem ħafna sabiex ikabbar il-ġieħ ta' raħal twelidu.

SAN VALENTINU: F'HAL BALZAN U FIL-FOLKLOR

— minn BALZANI —

QADDIS POPOLARI FERM FOST IN-NIES TA' HAL BALZAN HUWA SAN VALENTINU MARTRI. ISSIB NIES, IRĠIEL U NISA, LI JĠIBU ISEM DAN IL-QADDIS, DJAR IMSEMMIJIN GHALIH, U SAHANSITRA WAHDA MIT-TOROQ TA' DAN IR-RAHAL HIJA 'TRIQ SAN VALENTINU'. B'HEKK NARAW LI DAN IL-QADDIS GHANDU RABTA SPEĊJALI MA' HAL BALZAN, RABTA QADIMA LI TAF IL-BIDU TAGHHA SNIN ILU. IMMA QABEL NITKELLMU FUQ DAN, SE NARAW XI HAĠA DWAR IL-QADDIS INNIFSU.

MIN KIEN

Nibdew biex ngħidu li ftit nafu dwar il-ħajja ta' San Valentinu Martri. Il-Martiroloġju Ruman ifakkar żewġ martri bl-isem ta' Valentinu fl-14 ta' Frar. Skond l-istess Martiroloġju, iż-żewġ qaddisin ħadu l-martirju fit-Triq Flaminja, wieħed f'Ruma, u l-ieħor f'Terni, li tiġi madwar sittin mil bogħod mill-belt ewlenija.

Valentinu ta' Ruma kien qassis, u jaħsbu li miet madwar is-sena 269 w.K. fil-persekuzzjoni ta' Klawdju II (magħruf ukoll bħala Klawdju l-Got). Valentinu l-ieħor x'aktarx kien Isqof ta' Terni, u l-mewt tiegħu hija mniżżla fil-Martiroloġju ta' San Ġlormu. Hawnhekk nistaqsu, liema wieħed minn dawn iż-żewġ qaddisin huwa daqshekk meqjum fil-parroċċa ta' Ħal Balzan? Iżda qabel inwieġbu din il-mistoqsija rridu nistaqsu, kienu jew ma kinux tnejn dawn iż-żewġ qaddisin? Il-kittieba ta' l-istorja tal-Knisja ma jaqblux fuq dil-ħaġa. Uħud jaħsbu li kienu tabilħaqq tnejn.

Oħrajn iżommu li Valentinu, l-Isqof ta' Terni, kien meħud Ruma għall-martirju, u b'hekk id-devozzjoni lejh nibtet kemm f'Terni, fejn huwa kien Isqof, u kemm f'Ruma, fejn ħa l-martirju ta' qtugħ ir-ras. Maż-żmien, imbagħad, dawn iż-żewġ qimijiet bdew jiġu identifikati ma' żewġ persuni differenti u b'hekk bdiet l-ideja ta' żewġ qaddisin bl-isem ta' Valentinu.

Biss nafu li l-Papa San Ġulju I, li mexxa l-Knisja bejn is-snin 337 u 352, bena bażilika fit-Triq Flaminja, daqs żewġ mili bogħod minn Ruma, fuq il-qabar ta' San Valentinu Martri. Il-parti l-kbira tar-relikwi tiegħu llum jinsabu fil-knisja ta' Santa Prassede. (1) Il-qima lejn dan il-qaddis jixhduha l-kitbiet tas-seklu IV, u xi sejbiet arkijoloġiċi f'dawn l-aħħar sekli jissoktaw iwettqu d-devozzjoni li kienet teżisti lejn San Valentinu.

SAN VALENTINU U ĦAL BALZAN

Kif bdiet il-qima lejn dan il-qaddis fil-Parroċċa tagħna? Kien il-Kanonku Kapitulari Dun Lawrenz Grech Delicata li ġab Malta l-korp sant ta' qaddis martri li l-Knisja tatu l-isem ta' Valentinu. Dan kien ġie maqlugħ miċ-Ċimiterju ta' Sant'Elena 'ad duas lauras' f'Ruma fis-sena 1784. (2) Dan il-korp sant, li jikkonsisti fl-għadam ta' sider u saqajn il-qaddis martri, ġie mogħti aktar tard mill-istess Kanonku, b'awtentika tas-26 ta Jannar 1820, lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fejn illum jinsab miżmum bl-akbar qima. Minn dak iż-żmien sal-lum id-devozzjoni lejh ma naqsitx, anzi nistgħu ngħidu li, wara l-festa titulari ta' Marija Annunzjata, dik ta' San Valentinu hija l-aktar waħda popolari.

Il-festa ta' San Valentinu f'Ħal Balzan tiġi ċċelebrata fix-xahar ta' Lulju. Isir xi tiżjin bid-dawl u l-bandalori fuq iz-zuntier tal-Knisja fejn, f'jum il-festa, jkun hemm programm mill-Banda 'San Gabriel.' Il-festa mbagħad tagħlaq bil-logħob tan-nar. Fl-antik, dil-festa kienet tiġi ċċelebrata wisq aktar bil-kbir mil-lum; uħud igħidu li sahansitra kienet aqwa mill-istess festa titulari. Din hija ħaġa possibbli meta niftakru li l-korp sant ta' San Valentinu sab postu fil-Parroċċa qabel il-vara titulari tal-Lunzjata, li nħadmet fl-1868. Nafu wkoll li daqs ħamsin sena ilu l-Isqof kien ta l-permess sabiex dan il-korp sant jistgħu joħorġuh fil-purċissjoni, basta merfugħ mill-qassisin. Biss din il-ħaġa ma nsibux li saret x'aktarx minħabba l-biża' ta' xi partit parrokkjali favur il-qaddis.

SAN VALENTINU U L-GHARAJJES

Drawwa marbuta mal-festa ta' San Valentinu Martri hija dik li n-namrati w l-għarajjes nhar l-14 ta' Frar jibagħtu x-xewqat tajba lil xulxin. Drawwa tixbah 'il din narawha f'Ruma pagana ta' qabel żmien Kristu. Fil-15 ta' Frar ir-Rumani kienu jiċċelebraw il-festa hekk imsejħa 'Lupercalia', waħda mill-festi pagani tal-fertilita', li fiha kienu jippurifikaw l-art għas-sena l-ġdida sabiex tagħti ħafna frott. Ma ninsewx li x-xahar ta' Marzu kien meqjus bħala l-ewwel xahar tas-sena fil-kalendarju qadim Ruman, u għalhekk Frar kien jiġi l-aħħar wieħed.

Ir-Rumani kellhom id-drawwa li f'dan il-jum il-ġuvintur kienu jagħmlu speċi ta' urna u fiha kienu jitfgħu l-ismijiet ta' bosta xebbiet. Imbagħad kull ġuvni kien itella' isem minn din l-urna, u dik kienet tkun it-tfajla maħbuba tiegħu għas-sena ta' wara. Ix-xebbiet kien ikollhom sehem ukoll f'dil-festa, u għalhekk kien isir għors sħiħ. Drawwa oħra kienet dik li l-ġuvni kien imur ibus lill-ewwel tfajla li jiltaqa' magħha f'dak il-jum, u dik kienet tkun il-maħbuba (jew 'valentine') tiegħu għal matul is-sena ta' wara. L-istess kienu jagħmlu t-tfajliet.

Ma nafux jekk din id-drawwa pagana kellhiex xi relazzjoni mal-festa ta' San Valentinu. Biss jidher li meta r-reliġjon Nisranija bdiet tikber u tixtered u tadatta ruħha mad-drawwiet tal-poplu, hija tat bixra nisranija lil dan il-jum pagan billi għaqqditu mal-festa ta' San Valentinu. B'hekk San Valentinu beda jiġi meqjus bħala l-qaddis protettur tan-namrati w l-għarajjes.

Iżda d-drawwiet li semmejna ssoktaw jixterdu u baqgħu niżlin saż-żminijiet tan-Nofs. Fl-Ingilterra, id-drawwa li ż-żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet, jagħżlu l-'valentine' tagħhom f'dan il-jum hija marbuta mat-twemmin li l-għasafar ukoll jagħżlu s-sieħeb jew sieħba tagħhom f'jum San Valentinu. Waħda mill-ewwel riferenzi għal din id-drawwa nsibuha f'"The Paston Letters" (Numru 783). (3) Naqraw li fi Frar tas-sena 1477, Elizabeth Drews kellha tifla għażżwieġ jisimha Margery, u xtaqet iżżewwiġha lil wieħed, John Paston, li kien jiġi minnhom. Għalhekk, omm it-tifla narawha tikteb lil dan iż-żagħżugħ u tħeġġu sabiex, kif l-għasafar f'jum San Valentinu jagħżlu s-sieħba tagħhom, huwa wkoll jasal wasla s'għandhom f'dan il-jum u b'hekk ikunu jistgħu jirranġaw kollox għaż-żwieġ tiegħu ma' bintha. U f'waħda mill-ittri ta' Margery lill-maħbub tagħha, hija ssejjaħlu 'my right well beloved Valentine'.

Minn hawn imbagħad tnisslet id-drawwa li f'dan il-jum in-namrati w l-għarajjes jibagħtu x-xewqat tajba lil xulxin. Dawn il-'valentines', għax hekk bdew jissejħu, kien qishom bħal kartolini mlewnin, imżewqin b'żagarelli kkuluriti u b'xi żewġ versi ta' mħabba. Dawn bdew jidhru fis-seklu XVI. Din id-drawwa għadha sejra sal-lum u, ta' kull sena fl-14 ta' Frar, in-namrati w l-għarajjes jibagħtu l-'valentines' lil xulxin bħala simbolu ta' l-imħabba li tgħaqqadhom.

(1) Rev. Alban Butler — 'The Lives of the Saints', Vol. II, Paġ. 214.

(2) Achille Ferres — 'Descrizione storica delle Chiese di Malta e Gozo', Cap. CXLVIII, Paġ. 509.

(3) Rev. Alban Butler — Ibid. Paġ. 216.

SPORTS minn J.C.

L-EBDA ĊANS LI NIRBĦU UNUR

Meta t-'team' tagħna tat-Third Division' tilef kontra l-Isla, ma kien fadal l-ebda tama għar-rebħ tas-'Section'.

Il-logħba bdiet fuq nota tajba fejn iż-żewġ naħat kienu qed jaqsmu l-logħob. Wara li għaddew għaxar minuti konna diġa ninsabu wieħed minn taħt wara żball banali ta' wieħed mid-difensuri tagħna. Ma tantx għadda ħin twil wara li soffrejna l-ewwel 'goal', li ma qlajniex 'goal' ieħor (żball banali ieħor). Wieħed mill-'forwards' ta' l-Isla, ixxuttja minn barra l-kaxxa l-kbira, il-'goalkeeper' tagħna ħataf il-ballun li ħarablu minn idejh, l-Isla ħatfu l-okkażjoni, u żiedu l-marġini ta' li 'score'. U hekk l-ewwel 'half' spiċċa bi tnejn minn taħt.

Kif ħriġna fit-tieni 'half', kellna fejn innaqqsu li 'score', iżda l-'inside right' tagħna li kien waħdu taħt il-lasta, wara passaġġ perfett tar-'right wing', ma żammx il-ballun li baqa' sejjer barra. Żball ieħor tal-'goalkeeper' wassal li 'score' għal tieta b'xejn. Ix-xutt li kien kważi minn nofs il-'ground' baqa' dieħel direttament ġox-xibka. Niġu issa għall-aħħar 'goal' li soffrejna. Dan il-'goal' kien żball ieħor ta' l-istess difensur. Dan ipprova jaqbeż wieħed mill-'forwards' ta' l-Isla minflok ma kklerja mill-ewwel. Dan ħadlu l-ballun u skorja r-raba' 'goal' li ta rebħa kbira lill-Isla.

Naħseb li issa wasal iż-żmien biex nibdew indaħħlu fit-'team' uċuħ ġodda biex meta tasal n-'knock-out' competition inkunu forsi ppreparati u forsi naqtgħu figura aħjar mill-league.

NIFTAKRU FL-IMGHODDI

minn ANTON

Is-snin igerbbu wara xulxin; tispiċċa waħda u o... tibda l-oħra. Iżda kulħadd jaf illi s-snin, mal-m... tagħhom, iħallu bħal naqxa li turi x'għadda ma' tul... F'kull ħarġa ta' din il-gazzetta, qed nippruvaw ni... ru f'xi nies li kienu jgħixu Ħal Balzan u issa m'g... homx magħna u f'xi ġrajjiet minsuġa mal-ħajja, xo... u drawwiet tagħhom fl-imgħoddi.

Kien qorob il-Milied tas-sena ...... Peppi, Valent, Saver u Lonzu xtraw ftit kagħak ta' l-għasel minn għand ta' Żelleġ (tiftakruha bil-forn) u żewġ mazzitiet minn għand ta' Ġardina. Nfirdu, iżda mhux qabel ma ftiehmu li kellhom jiltaqgħu għand Marinton.

Sewwa sew mat-Tokki ta' siegħa lejl, ħarġu bil-kisra, kif kienu mdorrijin, u rħewlha għall-ħanut tax-xorb. "Kul ġbint," qal Peppi lil Dora hekk kif wasal ħdejn il-għajn. F'id kellu kisra ħobż daqshiex, imħaffra, midluka biż-żejt, tadama, żewġ imluħiet, b'kemm taqbad bi tlett iswaba fażola, u melħ u bżar qatigħ; f'idu l-oħra kien qiegħed iżomm mus ilu għandu min żmien żemżem imma jaqta' aktar minn xafra.

Daħlu fil-kamra tal-ġenb, u mbagħad ordnaw xi żewġ ġewżiet u terz inbid. Wieħed li kien ħuttab kien qiegħed jirrakkonta kif kellu l-ħila jlaqqa' wieħed ta' sittin ma' waħda ta' tmintax u kif kellu l-ħila jisloħlu b'kemm joqgħod qiegħed għal sitt xhur sħaħ.

Il-kliem bħaċ-ċirasa. Id-diskors dlonk waqa' fuq il-ħares, u ma nafx x'ma ntqalx bejniethom sakemm Marinton li kienet tibża' minn dellha ma waqqfithomx.

Qatt kontu temmnu bil-ħares? Qatt messitkom ix-xorti li l-ħares idendlilkom xi kemxa bla ma qatt kontu tistennewha? Xi Balzanin jaħilfu li l-ħares jeżisti għax rawh b'għajnejhom stess u żidilhom mielhom u saħansitra tkellem magħhom u widdibhom biex surtu ma jikxfuha ma' ħadd.

Jinsabu żewġt idjar ir-raħal, waħda fi triq id-dritta u l-oħra maġenb it-Tliet Knejjes, fejn ta' kultant jidher il-ħares. Toħroġ il-għaġeb meta l-ħares jidher f'dawn iż-żewġt idjar ikun daqsxejn qabel ta' l-Imwiet. L-aktar li l-ħares jidher huwa minn Ottubru sa Mejju. Min qalli b'dawn id-djar, qalli wkoll illi f'waħda jinstama' tifqigħ ta' platti u damdim ta' borom; fl-oħra ċekċik ta' plattini u kikkri u dawrien ta' rkiekel fil-magni. Qabel ma l-ħares idub, jinstama' tinwiħ ta' qtates u biki ta' trabi; imbagħad kollox jerġa' għalli kien.

Dan li għadni kif għidt ma qlajtux minn żniedi; sa wrewni xi biċċiet flus tal-fidda li kienu ġew minn għand il-ħares. Il-ħares qalbu f'idu u min jobdih ixaħħmu u ma jħallihielux nieqsa għall-melħa. Miskin hu min idendel kusu miegħu għax jgħarralhu.

M'ilux waħda qaltli li ... ha tiftakar meta għam... Griżma ta' l-Isqof fid-d... l-Isqof Pace Forno li ... joqgħod fit-Triq id-Dritt... dar fejn ken joqgħod g... fil-pjazza, kantuniera ... Triq Idmejda. (Ma nafx... takrux it-terazzin sab... kellha din id-dar. Dan ... twaqqa' biex jitwassa' ... raħ).

It-tfal tal-Griżma ... lebsin dublett b'żewġ in... b'żagarella fit-tarf u ... ċelesti bil-pjiegi b'żaga... bajda u bl-għonnella. ... fihom dehra dawk id-... xejn ta' tfajliet nexjin ... tnejn wara xulxin.

Għors kbir tiegħi ħ... ngamma' l-bolli u nag... studju Postali. Waqt li ... medhi nilgħab bil-bolli ... nistudja fuqhom inħossni ... seba' sema; u ħallini n... tagħlek sigħat sħaħ.

Fost il-bolli li għandi, ti... waħda wżata fil-Posta ta' ... Balzan. Nistħajjilkom is... suni, "Mela kellna po... Ħal Balzan?" U żgur li kel... Kienet sewwa sew l-Għa... tal-Pulizija ta' Ħal Balzan. ... id-dar bejn il-'Youth Cen... u s-sala Awrora, biswit tal-... ħam.

Il-Posta nfetħet ftit wara ... 1900 meta l-popolazzjoni t... raħal kienet tlaħħaq ma' ... 1250, u damet xi dsatax... sena. Il-Posta spiċċat fl-1... meta l-Balzanin kienu jgħ... du aktar minn elf u tlett mi... It-timbru 'Balzan' kien ta'... millimetru (fid-dijametru)... fuqu kienu jinsabu AM ... PM li kienu juru jekk il-bo... ntużatx fil-għodu jew ... għaxija.

Kos in-nies tar-raħal, sit... sena ilu, ma kellhomx l-... komdu jinżlu Birkirkara b... jilħqu l-posta!

L-aħħar li kont mistied... biex nifraħ lil Patri Balzan... kien għadu kif ħa l-Quddie... ltqajt ma' Joey tas-Slu... Dawk li huma tampari jift... ru sew il-ħanut tal-ħelu t... Sluta fil-Misraħ! Kemm k... nu jkunu tajbin il-pasti u ... 'doughnuts' li kienu jagħm... tas-Sluta! Is-Sibt fil-għax... u l-Ħadd fil-għodu l-ħa... kien ikun miżgħud bin-nie... li kien ikun hemm fl-armat... jitbattal. Għal-ħabta tal-... lied u tal-Għid tas-Sluta ... kienux ilaħħqu max-xogħo...

Hekk wasalt fi tmiem ta' ... ta oħra ta' ġrajjiet l-imgħ... di. Qatt għadda minn mo... kom illi għad jiġi żmien m... ta' warajna jiftlilhom iħa... lejn l-imgħoddi, issa tal-... sabiex jagħmlu bħal dak... aħna qegħdin nagħmlu fu... qabilna?

ARS VITREA

Prop.: JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS,
ENGRAVERS & SAND BLASTERS ON GLASS
BEVELLERS & POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS RD., BIRKIRKARA

Telephone: 40323 Cables: Jolica-Malt...